II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/683

tal-15 ta' April 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 24(4), 28(3), 30(3), 36(4), 38(3), 41(4), 42(5), 44(5) u 45(7) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-interess taċ-ċarezza, tal-prevedibbiltà u tas-simplifikazzjoni tad-dokumenti użati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, jenħtieġ li dawn id-dokumenti jiġu standardizzati biex jitnaqqas il-piż fuq il-manifatturi tal-vetturi, abbażi tal-prattika eżistenti.

(2) Sabiex tiżdied it-trasparenza u jiġi żgurat li l-informazzjoni meħtieġa dwar l-approvazzjoni tat-tip tiġi ppreżentata b'mod konsistenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-mudelli għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni armonizzata tad-dokument li jinħareġ mill-manifatturi biex jiċċertifika li vettura manifatturata tkun konformi mat-tip approvat, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mudelli għaċ-ċertifikati tal-konformità. Fl-interessi taċ-ċarezza, jenħtieġ li fiċ-ċertifikat tal-konformità tiġi miżjuda d-data tal-manifattura tal-vettura.

(4) Sabiex jiġu identifikati b'mod ċar l-atti legali li japplikaw għall-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' numerazzjoni armonizzata għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip.

(5) Il-preżentazzjoni tal-aktar informazzjoni rilevanti fir-rapporti tat-test jenħtieġ li tiġi armonizzata. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit sett minimu ta' rekwiżiti għall-format tar-rapporti tat-testijiet.

(6) Sabiex jiġu identifikati aħjar ir-riżultati tat-testijiet imwettqa fuq it-tip ta' vettura approvat, jenħtieġ li tiġi stabbilita skeda tar-riżultati tat-testijiet armonizzata, li tinkludi sett minimu ta' informazzjoni.

(7) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jirċievu approvazzjoni tat-tip jew biex iqiegħdu fis-suq vetturi ġodda skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 91 tar-Regolament (UE) 2018/858, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun applikabbli mill-5 ta' Lulju 2020.

([1]) ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1.

(8) Is-setgħat mogħtija fl-Artikoli 24(4), 28(3), 30(3), 36(4), 38(3), 41(4), 42(5), 44(5) u 45(7) tar-Regolament (UE) 2018/858 għandhom l-għan li jintroduċu l-mudelli u formati armonizzati meħtieġa għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u għat-tqegħid fis-suq tagħhom. Peress li dawk is-setgħat huma relatati mill-qrib mas-suġġett tagħhom, jenħtieġ li dawn jiġu raggruppati f'dan ir-Regolament.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur (TCMV) [imsemmija fl-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2018/858,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mudelli għad-dokument ta' informazzjoni

1. Il-mudell stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dokument ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858 għall-finijiet ta' dawn l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE:

(a) l-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed ta' vettura sħiħa;

(b) l-approvazzjoni tat-tip imħallta ta' vettura sħiħa;

(c) l-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji ta' vettura sħiħa;

(d) l-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati.

2. Il-mudell stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għad-dokument ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/858 għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip pass pass ta' vettura sħiħa tal-UE.

Artikolu 2

Mudelli għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi prodotti f'serje żgħar, u ċ-ċertifikati ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali tal-UE

1. Il-mudell A tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2018/858, meta dak iċ-ċertifikat ikun jikkonċerna approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa tal-UE, u għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 41(3) tar-Regolament (UE) 2018/858.

2. Il-mudell B tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2018/858 meta dak iċ-ċertifikat ikun jikkonċerna approvazzjoni tat-tip ta' sistema tal-UE.

3. Il-mudell C tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE) 2018/858 meta dak iċ-ċertifikat ikun jikkonċerna approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-UE jew approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata tal-UE.

4. Il-mudell D tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE msemmi fl-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) 2018/858.

Artikolu 3

Mudelli għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għall-vetturi prodotti f'serje żgħar u ċ-ċertifikati ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali nazzjonali

1. Il-mudell A tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2018/858.

2. Il-mudell E tal-Anness III ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali msemmi fl-Artikolu 45(5) tar-Regolament (UE) 2018/858.

Artikolu 4

Sistema ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikati ta' approvazzjoni

Iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni msemmija fl-Artikoli 28(2), 41(3), 42(4), 44(4) u 45(6) tar-Regolament (UE) 2018/858 għandhom jiġu nnumerati skont il-metodu stabbilit fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Mudell għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal komponenti u unitajiet tekniċi separati

Il-mudell stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal komponenti u unitajiet tekniċi separati msemmija fl-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) 2018/858.

Artikolu 6

Mudell għall-iskeda tar-riżultati tat-testijiet

Il-mudell stabbilit fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament għandu jintuża għall-iskeda tar-riżultati tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/858.

Artikolu 7

Format tar-rapporti tat-testijiet

Ir-rapporti tat-testijiet imsemmija fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) 2018/858 għandhom jiġu stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet dwar il-format tar-rapporti tat-testijiet stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Mudelli u rekwiżiti oħra għaċ-ċertifikati ta' konformità

Il-mudelli u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament għandhom jintużaw għall-format stampat taċ-ċertifikat ta' konformità imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-5 ta' Lulju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

([1]) Għall-approvazzjoni biss skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

([2]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tat-tipi ta' unitajiet tekniċi separati koperti minn din l-informazzjoni, tali karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

([3]) Klassifikazzjoni skont id-definizzjonijiet stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858.

([4]) Ħassar fejn mhux applikabbli (hemm każijiet fejn tkun applikabbli aktar minn entrata waħda u ma jkun meħtieġ li jitħassar xejn).

([5]) Fil-każ ta' fusien mgħammra b'roti f'formazzjoni ta' roti doppji (twin), in-numru ta' roti għandu jingħadd bħala erbgħa.

([6]) Dežinjazzjoni skont EN 10027-1: 2016. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja:

— deskrizzjoni tal-materjali;

— punt ta' limitu ta' elastiċità;

— limitu ta' stress tensili;

— elongazzjoni (fi %);

— Ebusija Brinell.

([7]) "Kontroll avanzat" tfisser konfigurazzjoni li fiha aktar minn nofs it-tul tal-magna qiegħed lura mill-aktar punt 'il quddiem tal-bażi tal-windskrin u l-buttun tal-istering fis-sezzjoni ta' quddiem tat-tul tal-vettura kif definit fin-nota ta' spjegazzjoni (z) tal-Appendiċi 1 tal-PARTI 1 tal-ANNESS 1 tar-Regolament 107 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Unjoni Ewropea tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet Uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi tal-kategorija M2 jew M3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom (ĠU L 52, 23.2.2018, p. 1),

([8]) Kif definit fir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

([9]) Meta jkun hemm verżjoni waħda b'kabina normali u oħra b'kabina tal-irqad, iż-żewġ settijiet ta' mases u dimensjonijiet għandhom jiġu ddikjarati.

([10]) ISO standard 612:1978 — Vetturi tat-triq — Dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u vetturi rmonkati — termini u definizzjonijiet.

([11]) Tagħmir fakultattiv li jaffettwa d-dimensjonijiet tal-vettura ser jiġi speċifikat.

([12]) Skont id-definizzjonijiet 25 (Bażi tar-roti) u 26 (Spazju bejn il-fusien) tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012, rispettivament. Nota: Fil-każ ta' karru b'fus ċentrali, l-assi tal-akkoppjament għandu jitqies bħala l-fus primarju.

([13]) L-ispazju totali bejn il-fusien huwa is-somma ta' kull spazju bejn il-fusien, mill-fus ta' quddiem nett sal-fus ta' wara nett.

([14]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31).

([15]) Punt Nru 6.19.2.

([16]) Punt Nru 6.20.

([17]) Punt Nru 6.5.

([18]) Punt Nru 6.1 u għal vetturi għajr għal dawk tal-kategorija M1: Appendiċi 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012. Fil-każ ta' trejlers, it-tulijiet għandhom jiġu speċifikati kif imsemmi fil-punt Nru 6.1.2 tal-Istandard ISO 612:1978.

([19]) Punt Nru 6.17.

([20]) Punt Nru 6.2 u għal vetturi għajr għal dawk tal-kategorija M1: Appendiċi 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012.

([21]) Punt Nru 6.3 u għal vetturi għajr għal dawk tal-kategorija M1: Appendiċi 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012.

([22]) Fil-każ ta' vettura mhux kompleta.

([23]) Punt Nru 6.6.

([24]) Punt Nru 6.10.

([25]) Punt Nru 6.7.

([26]) Punt Nru 6.11.

([27]) Punt Nru 6.18.1.

([28]) Punt Nru 6.9.

([29]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità d-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59).

([30]) Kif definita fir-Regolament (UE) Nru 1230/2012.

Is-sistemi li fihom likwidi (għajr dawk għall-ilma użat li jridu jibqgħu vojta u dawk għall-fjuwil) jimtlew sa 100 % tal-kapaċità speċifikata mill-manifattur. Ma hemmx għalfejn tiġi pprovduta l-informazzjoni msemmija fil-punti 2.6 (b) u 2.6.1(b) għall-kategoriji ta' vetturi N2, N3, M2, M3, O3, u O4.

([31]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31-79)

([32]) Għal trejlers jew semitrejlers, u għal vetturi bi trejler jew semitrejler, li jeżerċitaw tagħbija vertikali sinifikanti fuq l-apparat ta' akkoppjament jew fuq in-nagħla, din it-tagħbija, diviża bl-aċċellerazzjoni standard tal-gravità, tiġi inkluża fil-massa massima teknikament permissibbli.

([33]) Jekk jogħġbok ikteb il-valuri massimi u minimi għal kull varjant hawnhekk.

([34]) "L-isporġenza tal-akkoppjament" hija d-distanza orizzontali bejn l-akkoppjament għal trejlers b'fus ċentrali u l-linja taċ-ċentru tal-fus(ien) ta' wara.

([35]) Għall-fini tad-definizzjoni ta' vetturi off-road biss.

([36]) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

([37]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

([38]) Fil-każ ta' vettura li tista' taħdem jew bil-petrol, bid-diżil, eċċ, jew inkella b'taħlita ma' fjuwil ieħor, il-punti għandhom jiġu ripetuti. Fil-każ ta' magni u sistemi mhux konvenzjonali, dettalji ekwivalenti għal dawk imsemmija hawn għandhom jiġu forniti mill-manifattur.

([39]) Din iċ-ċifra għandha tiġi aġġustata sal-eqreb parti minn għaxra ta' millimetru.

([40]) Dan il-valur għandu jiġi kkalkolat (π = 3,1416) u aġġustat sal-eqreb cm^3.

([41]) Speċifika t-tolleranza.

([42]) Fil-każ ta' magna jew vettura li tuża żewġ tipi ta' fjuwil.

([43]) Determinata skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 jew tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 kif applikabbli.

([44]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1).

([45]) Il-vetturi li jaħdmu sew bil-petrol kif ukoll bi fjuwil gassuż, iżda fejn is-sistema tal-petrol hija mgħammra għal skopijiet ta' emerġenza jew ta' startjar biss u li t-tank tal-petrol tagħhom ma jiħux aktar minn 15-il litru petrol, jiġu meqjusa għat-test bħala vetturi li jaħdmu biss bi fjuwil gassuż.

([46]) Għandu jiġi dokumentat jekk mhux dokumentat fid-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.2.12.2.7.1

([47]) Għandu jiġi dokumentat f'każ ta' familja ta' magni OBD waħda u jekk mhux diġà inkluż fil-pakkett(i) ta' dokumentazzjoni msemmi(ja) fil-punt 3.2.12.2.7.0.4.

([48]) Għandu jiġi dokumentat jekk mhux inkluż diġà fid-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.2.12.2.7.0.5.

([49]) Għandu jiġi dokumentat f'każ ta' familja ta' magni OBD waħda u jekk mhux diġà inkluż fil-pakkett(i) ta' dokumentazzjoni msemmi(ja) fil-punt 3.2.12.2.7.0.4.

([50]) Regolament Nru 49 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikuli minn magni li jaqbdu bil-kompressjoni u magni li jaqbdi bl-ispark plaggs għall-użu fil-vetturi (ĠU L 171, 24.6.2013, p. 1).

([51]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

([52]) Ir-Regolament tan-NU Nru 83 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna (ĠU L 42, 15.2.2012, p. 1).

([53]) Ir-Regolament tan-NU Nru 67 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar I. L-approvazzjoni ta' tagħmir speċifiku ta' vetturi tal-kategoriji M u N li jużaw gassijiet likwifikati miż-żejt fis-sistema ta' propulsjoni tagħhom; II. Approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M u N mgħammra b'tagħmir speċifiku għall-użu ta' gassijiet likwifikati taż-żejt fis-sistema ta' propulsjoni tagħhom fir-rigward tal-installazzjoni ta' dan it-tagħmir [2016/1829] (ĠU L 285, 20.10.2016, p. 1).

([54]) Ir-Regolament Nru 110 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta': I. komponenti speċifiċi tal-vetturi bil-mutur li jużaw gass naturali kkompressat (CNG) u/jew gass naturali likwifikat (LNG) fis-sistema ta' propulsjoni tagħhom; II. vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' komponenti speċifiċi ta' tip approvat, biex jintuża gass naturali kkompressat (CNG) u/jew gass naturali likwifikat (LNG) fis-sistema tal-propulsjoni tagħhom [2015/999] (ĠU L 166, 30.6.2015, p. 1).

([55]) Ir-Regolament (KE) Nru 79/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 35, 4.2.2009, p. 32).

([56]) Iddeterminati skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 101 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri li jaħdmu b'magna ta' kombustjoni interna biss, jew li jaħdmu b'power train elettrika ibrida, rigward il-kejl tal-emissjoni tad-diossidu tal-karbonju u l-konsum tal-fjuwil u/jew il-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u l-medda elettrika, u tal-vetturi tal-kategoriji M 1 u N 1 li jaħdmu b'power train elettrika biss rigward il-kejl tal-konsum tal-enerġija elettrika u l-medda elettrika (ĠU L 138, 26.5.2012, p. 1).

([57]) Għajr għal magni jew vetturi li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil.

([58]) Fil-każ tat-Tip 1B, tat-Tip 2B, u tat-Tip 3B ta' magni li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil.

([59]) Valur għad-WHTC ikkombinat inkluż il-parti kiesħa u sħuna skont l-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 582/2011.

([60]) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

([61]) Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1).

([62]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 725/2011 tal-25 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 minn karozzi tal-passiġġieri skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 194, 26.7.2011, p. 19).

([63]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2014 tal-25 ta' April 2014 li jistabbilixxi proċedura għall-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO_2 minn vetturi kummerċjali ħfief skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 26.4.2014, p. 57).

([64]) Espandi t-tabella, jekk ikun meħtieġ, u uża ringiela żejda għal kull ekoinnovazzjoni.

([65]) In-numru tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-ekoinnovazzjoni.

([66]) assenjat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-ekoinnovazzjoni.

([67]) Bi qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, jekk tiġi applikata metodoloġija ta' mmudellar minflok iċ-ċiklu tat-test tat-tip 1, dan il-valur għandu jkun dak ipprovdut mill-metodoloġija tal-immudellar.

([68]) Is-somma tal-emissjonijiet ta' CO_2 iffrankati minn kull ekoinnovazzjoni individwali.

([69]) Il-vettura rappreżentattiva tiġi ttestjata għall-familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq.

([70]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 136/2014 tal-11 ta' Frar 2014 li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 fir-rigward ta' emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) (ĠU L 43, 13.2.2014, p. 12).

([71]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).

([72]) Kif definita fir-Regolament (UE) 2017/2400

([73]) Ir-Regolament Nru 85 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/ECE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' magni ta' kombustjoni interna jew sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi maħsuba għall-propulsjoni ta' vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N fir-rigward tal-kejl tal-potenza netta u l-potenza massima ta' 30 minuta ta' sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi (ĠU L 323, 7.11.2014, p. 52).

([74]) Test ESC.

([75]) test ETC biss.

([76]) Id-dettalji speċifikati għandhom jingħataw għal kwalunkwe varjant propost.

([77]) Fir-rigward tat-trejlers, il-veloċità massima permessa mill-manifattur.

([78]) Ir-Regolament tan-NU Nru 39 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer u l-odometru inkluża l-installazzjoni tiegħu (ĠU L 302, 28.11.2018, p. 106).

([79]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2012 tal-24 ta' Jannar 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 28, 31.1.2012, p. 24).

([80]) Għat-tajers tal-kategorija Z maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi li l-veloċità massima tagħhom teċċedi t-300 km/h għandha tingħata informazzjoni ekwivalenti.

([81]) Ir-Regolament tan-NU Nru 21 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi għall-fittings ta' ġewwa (ĠU L 188, 16.7.2018, p. 32).

([82]) Ir-Regolament tan-NU Nru 121 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni tal-kontrolli manwali, is-sinjali u l-indikaturi [2016/18] (ĠU L 5, 8.1.2016, p. 9).

([83]) In-numru ta' postijiet ta' bilqiegħda li jridu jissemmew għandu jkun dak ta' meta l-vettura tkun miexja. Tista' tiġi speċifikata medda fil-każ ta' arranġament modulari.

([84]) "Il-punt R" jew "il-punt ta' referenza ta' bilqiegħda" tfisser punt ta' disinn definit mill-manifattur tal-vettura għal kull pożizzjoni bilqiegħda u stabbilit fir-rigward tas-sistema ta' referenza tridimensjonali kif speċifikat fl-Anness III tar-Regolament Nru 17 tan-NU tal-Kummissjoni Ekonomika ghall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tas-sedili, l-ankraġġ tagħhom u kull ilqugħ protettiv tar-ras (ĠU L 230, 31.8.2010, p. 81).

([85]) Ir-Regolament tan-NU Nru 26 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-partijiet sporġuti esterni tagħhom (ĠU L 215, 14.8.2010, p. 27).

([86]) It-tabella tista' tiġi estiża skont ma jkun meħtieġ għall-vetturi b'aktar minn żewġ ringieli ta' sits jew jekk ikun hemm aktar minn tliet sits tul il-wisa' tal-vettura.

([87]) Ir-Regolament tan-NU Nru 14 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza, sistemi tal-ankraġġi ISOFIX, ankraġġi ISOFIX tal-irbit ta' fuq u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size [2015/1406] (ĠU L 218, 19.8.2015, p. 27).

([88]) Għas-simboli u l-marki li jridu jintużaw, ara l-paragrafu 5.3.4 tar-Regolament Nru 16 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta': I. Iċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi għat-trażżin tat-tfal u s-sistemi għat-trażżin tat-tfal ISOFIX għall-okkupanti ta' vetturi motorizzati; II. Il-vetturi mgħammra biċ-ċinturini tas-sikurezza, bi tfakkir taċ-ċinturin tas-sikurezza, bis-sistemi ta' trażżin, bis-sistemi għat-trażżin tat-tfal, bis-sistemi ISOFIX għat-trażżin tat-tfal u bis-sistemi i-Size għat-trażżin tat-tfal [2018/629] (ĠU L 109, 27.4.2018, p. 1). Fil-każ ta' ċinturini tat-tip "S", speċifika n-natura tat-tip(i).

([89]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1009/2010 tad-9 ta' Novembru 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-parafangi tal-vetturi bil-mutur u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dan l-iskop (ĠU L 292, 10.11.2010, p. 21).

([90]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

([91]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 109/2011 tas-27 ta' Jannar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom fil-qasam tas-sistemi ta' sospensjoni tat-titjir (ĠU L 34, 9.2.2011, p. 2).

([92]) Ir-Regolament tan-NU Nru 48 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' apparati għat-tidwil u għas-sinjalar bid-dawl (ĠU L 14, 16.1.2019, p. 42).

([93]) Ir-Regolament tan-NU Nru 10 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 41, 17.2.2017, p. 1).

([94]) Ir-Regolament Nru 138 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Vetturi tat-Trasport bit-Triq Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom [2017/71] (ĠU L 9, 13.1.2017, p. 33).

([95]) Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131–195)

([96]) Ir-Regolament tan-NU Nru 66 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' vetturi kbar tal-passiġġieri fir-rigward tal-qawwa tas-superstruttura tagħhom (ĠU L 84, 30.3.2011, p. 1).

([97]) Ir-Regolament tan-NU Nru 105 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni għal vetturi maħsuba għat-trasport ta' merkanzija perikoluża fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi tal-manifattura tagħhom (ĠU L 230, 31.8.2010, p. 253).

([98]) Dawn it-termini huma ddefiniti fl-istandard ISO 22628:2002 — Vetturi tat-triq — riċiklabbiltà u rkupru — metodu ta' kalkolu.

([99]) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

([100]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

([101]) Ippreżentati b'mod li l-valur attwali jkun ċar għal kull konfigurazzjoni teknika tat-tip ta' vettura.

([102]) Għandu jiġi indikat meta l-manifattur japplika l-Artikolu 28(6) tar-Regolament (UE) 2018/858, f'liema każ l-att regolatorju applikat għandu jiġi speċifikat fit-tieni kolonna.

([103]) Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Rivedut tal-1958.

([104]) Trid jiġi indikata jekk ma tkunx tista' tinkiseb min-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip.

([105]) Jekk mhux disponibbli fil-ħin tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip, dan il-punt għandu jimtela sa mhux aktar tard minn meta l-vettura tiddaħħal fis-suq.

([106]) Jekk jogħġbok ikteb "mhux applikabbli" fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip pass pass, meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun kisbet is-sett sħiħ ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU, u dik l-awtorità teditja ċ-ċertifikat finali tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa.

([107]) Skont l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858.

([108]) Jew rappreżentazzjoni viżwali ta' "firma elettronika avvanzata" skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE(ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73), inkluża *data* għall-verifika.

([109]) Wieħed ¾ quddiem, wieħed ¾ wara.

([110]) Wieħed ¾ quddiem, wieħed ¾ wara

([111]) Din l-entrata għandha timtela biss meta l-vettura jkollha żewġ fusien.

([112]) Fil-każ ta' aktar minn mutur elettriku wieħed indika l-effett ikkonsolidat tal-magni kollha.

([113]) Għandhom jintużaw il-kodiċijiet deskritti fil-Parti C tal-Anness I tr-Regolament (UE) 2018/858.

([114]) Indika biss il-kulur(i) bażi: abjad, isfar, oranġjo, aħmar, vjola, ikħal, aħdar, griż, kannella jew iswed.

([115]) Bl-eċċezzjoni tas-sits iddisinjati biex jintużaw biss meta l-vettura tkun wieqfa u n-numru ta' pożizzjonijiet għas-siġġijiet tar-roti.

([116]) Żid in-numru tal-livell tal-Euro u, jekk xieraq, il-karattru li jikkorrispondi għad-dispożizzjonijiet użati għall-approvazzjoni tat-tip.

([117]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1–643)

([118]) Mhux obbligatorja

([119]) imfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti I tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400

([120]) imfassal skont il-mudell stabbilit fil-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400

([121]) Applikabbli biss jekk il-vettura tkun approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u jkun tfassal fajl tal-informazzjoni tal-klijent skont il-mudell stabbilit fil-parti II tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400/

([122]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1008/2010 tad-9 ta' Novembru 2010 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sistemi tal-wajper u l-washer tal-windskrin ta' ċerti vetturi bil-mutur u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi destinati għalihom (ĠU L 292, 10.11.2010, p. 2).

([123]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

([124]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 249/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 19/2011 fir-rigward ta' rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU L 82, 22.3.2012, p. 1).

([125]) Ir-Regolament Nru 13-H tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fir-rigward tal-ibbrejkjar [2015/2364] (ĠU L 335, 22.12.2015, p. 1)

([126]) Ir-Regolament tan-NU Nru 46 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tat-tagħmir għall-viżjoni indiretta u tal-vetturi motorizzati fir-rigward tal-installazzjoni ta' dan it-tagħmir (ĠU L 237, 8.8.2014, p. 24)

([127]) Ir-Regolament tan-NU Nru 28 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati ta' twissija li tinstema' u ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sinjali li jinstemgħu tagħhom [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 323, 6.12.2011, p. 33)

([128]) Meta jkunu applikabbli restrizzjonijiet għall-fjuwil, indika dawk ir-restrizzjonijiet (pereżempju, għall-gass naturali l-firxa L jew il-firxa-H).

([129]) Il-vetturi li jaħdmu sew bil-petrol kif ukoll bi fjuwil gassuż, iżda fejn is-sistema tal-petrol hija mgħammra għal skopijiet ta' emerġenza jew ta' startjar biss u li t-tank tal-petrol tagħhom ma jiħux aktar minn 15-il litru petrol, jiġu meqjusa għat-test bħala vetturi li jaħdmu biss bi fjuwil gassuż.

([130]) Għal vetturi li jaħdmu bil-bifjuwil, it-tabella għandha tiġi ripetuta għaż-żewġ fjuwils.

([131]) Għal vetturi li jaħdmu bi fjuwil flessibbli, meta t-test ikun irid jitwettaq fuq iż-żewġ fjuwils, kif meħtieġ mill-Figura I.2.4 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151. Għall-vetturi li jaħdmu bl-LPG jew bl-NG/bil-Bijometan, jew bifjuwil jew bil-monofjuwil, it-tabella trid tiġi ripetuta għall-gassijiet differenti ta' referenza użati fit-test, u f'tabella addizzjonali għandhom jintwerew l-aħħar riżultati miksuba skont il-paragrafu 3.1.4. tal-Anness 12 tar-Regolament tan-NU Nru 83 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna (ĠU L 42, 15.2.2012, p. 1). Fir-rigward tar-riżultati fit-tabella, għandu jiġi indikat jekk dawn ġewx imkejla jew ġewx ikkalkolati.

([132]) Jekk applikabbli.

([133]) Għal Euro VI, ESC għandu jinftiehem bħala WHSC u ETC bħala WHTC.

([134]) Għal Euro VI, jekk magni li jaħdmu b'CNG u LPG jiġu ttestjati bi fjuwils ta' referenza differenti, it-tabella għandha tiġi riprodotta għal kull fjuwil ta' referenza li jkun ġie ttestjat.

([135]) Irrepeti t-tabella għal kull fjuwil ta' referenza ttestjat.

([136]) L-unità "l/100 km" hija sostitwita b'"m^3/100 km" għall-vetturi li jaħdmu bi fjuwil NG u H2NG, u b'"kg/100 km" għall-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu.

([137]) Il-format għall-Identifikatur tal-Familja ta' Interpolazzjoni huwa pprovdut fil-paragrafu 5.0 tal-Anness XXI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

([138]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1152 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu ddeterminati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju fir-rigward ta' vetturi kummerċjali ħfief u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 293/2012 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 644).

([139]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu determinati l-parametri ta' korrelazzjoni meħtieġa biex tiġi riflessa l-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 679).

([140]) Il-format għall-Identifikatur tal-Familja tal-Interpolazzjoni huwa indikat fil-paragrafu 5.0 tal-Anness XXI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151.

([141]) Irrepeti t-tabella għal kull varjant/verżjoni tal-vettura.

([142]) Espandi t-tabella, jekk ikun meħtieġ, u uża ringiela żejda għal kull ekoinnovazzjoni.

([143]) Ir-Regolament tan-NU Nru 83 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi rigward l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu skont ir-rekwiżiti tal-fjuwil tal-magna (ĠU L 42, 15.2.2012, p. 1).

([144]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-ekoinnovazzjoni. L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

([145]) Kif assenjat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-ekoinnovazzjoni.

([146]) Jekk tiġi applikata metodoloġija ta' mmudellar minflok iċ-ċiklu tat-test tat-tip 1, dan il-valur għandu jkun dak ipprovdut mill-metodoloġija tal-immudellar.

([147]) = il-punt 3.5.1.3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni XX/XXX ta' ..... dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi

([148]) Is-somma tar-riżultati minn kull iffrankar fl-emissjonijiet ta' CO_2 tal-ekoinnovazzjonijiet individwali fuq l-NEDC ikkalkolata fl-aħħar Kolonna ta' din it-tabella skont l-Anness XII tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151.

([149]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

([150]) Is-somma tar-riżultati minn kull iffrankar fl-emissjonijiet ta' CO_2 tal-ekoinnovazzjonijiet individwali fuq id-WLTP ikkalkolata fl-aħħar Kolonna ta' din it-tabella skont l-Anness XII tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151.

([151]) Il-kodiċi ġenerali tal-ekoinnovazzjoni(jiet) għandu jikkonsisti fl-elementi li ġejjin, kull wieħed separat bi spazju vojt:

— Il-kodiċi tal-awtorità tal-approvazzjoni stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni XX/XXX ta' XXXX dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi;

— Il-kodiċi individwali ta' kull ekoinnovazzjoni mqabbda fil-vettura, elenkat f'ordni kronoloġiku tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(Pereżempju, il-kodiċi ġenerali ta' tliet ekoinnovazzjonijiet approvati kronoloġikament bħala 10, 15 u 16 u li bihom tkun mgħammra vettura ċċertifikata mill-awtorità Ġermaniża tal-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ li jkun: "e1 10 15 16").

([152]) ISO/IEC 17025:2017 Rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza tal-laboratorji tal-ittestjar u tal-kalibrazzjoni, Data tal-pubblikazzjoni: 2017-11.

([153]) Indika l-kodiċi ta' identifikazzjoni.

([154]) Indika jekk il-vettura hijiex adatta għal użu fi traffiku fuq in-naħa tal-lemin jew tax-xellug jew kemm fuq in-naħa tal-lemin kif ukoll tax-xellug.

([155]) Indika jekk l-ispidometru u/jew l-odometru mgħammar għandux unitajiet metriċi jew kemm metriċi kif ukoll imperjali.

([156]) Din id-dikjarazzjoni ma tillimitax id-dritt tal-Istati Membri li jeħtieġu adattamenti tekniċi sabiex jippermettu r-reġistrazzjoni ta' vettura fi Stat Membru li mhuwiex dak li għalih kienet maħsuba meta d-direzzjoni tat-traffiku tkun fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

([157]) L-entrati 4 u 4.1 għandhom jimtlew skont id-definizzjonijiet 25 (Bażi tar-roti) u 26 (Distanza bejn il-fusien) tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012, rispettivament.

([158]) Il-mases għandhom jiġu aġġustati sal-eqreb ċifra sħiħa

([159]) Għall-vetturi ibridi, indika ż-żewġ outputs

([160]) Tagħmir fakultattiv u kombinazzjonijiet addizzjonali ta' tajer/rota taħt din l-ittra jistgħu jiddaħħlu taħt l-entrata "Rimarki". Jekk vettura tiġi pprovduta b'sett komplet ta' roti u tajers standard u b'sett komplet ta' tajers għall-borra (immarkati b'simbolu ta' 3 "Peaked Mountain and Snowflake" – 3PMS) bir-roti jew mingħajrhom, it-tajers għall-borra u r-roti tagħhom, fejn applikabbli, għandhom jitqiesu bħala kombinazzjonijiet addizzjonali ta' tajer/rota irrispettivament mir-roti/tajers fil-fatt imwaħħla mal-vettura.

([161]) Applikabbli biss għal vetturi individwali mill-familja tal-matriċi tat-tagħbija fit-triq (RLMF).

([162]) Irrepeti għad-diversi fjuwils li jistgħu jintużaw. Il-vetturi lijaħdmu sew bil-petrol kif ukoll bi fjuwil gassuż, iżda li fihom is-sistema tal-petrol tkun mgħammra għal għanijiet ta' emerġenza jew ta' startjar biss u li t-tank tal-petrol tagħhom ma jiħux aktar minn 15-il litru petrol, jitqiesu bħala vetturi li jistgħu jaħdmu biss bi fjuwil gassuż.

([163]) Fil-każ ta' magni u vetturi b'żewġ tipi ta' fjuwil EURO VI, irrepeti kif xieraq.

([164]) Għandhom jiġu ddikjarati biss l-emissjonijiet ivvalutati skont l-att jew l-atti regolatorji applikabbli.

([165]) Jekk il-vettura tkun mgħammra b'tagħmir tar-radar ta' medda qasira ta' 24 GHz skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2005 dwar l-użu armonizzat tal-faxxa tal-ispettru tar-radju ta' 24 GHz għall-użu limitat biż-żmien ta' tagħmir bir-radar ta' medda qasira għall-vetturi fil-Komunità (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 15), il-manifattur għandu jindika hawnhekk: "Vettura mgħammra b'tagħmir tar-radar b'medda qasira ta' 24 GHz".


9.10.1.2. Ritratt jew tpinġija li juru ż-żona ta' referenza inkluża ż-żona eżentata msemmija fil-paragrafu 2.3.1 tar-Regolament Nru 21 tan-NU tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) ([81]): …

9.10.1.3. Ritratti, tpinġijiet u/jew stampa mkabbra fid-dettall tal-fittings interni, li juru l-partijiet fil-kompartiment tal-passiġġier u l-materjali użati (għajr għall-mirja retrovizuri ta' ġewwa), l-arranġament tal-kontrolli, is-saqaf u s-saqaf li jinfetaħ, fejn iserraħ id-dahar, is-sits u l-parti ta' wara tas-sits: …

9.10.2. Arranġament u identifikazzjoni tal-kontrolli, tal-indikaturi operatorji ottiċi u tal-indikaturi

9.10.2.1. Ritratti u/jew tpinġijiet tal-arranġament tas-simboli u kontrolli, tal-indikaturi operatorji ottiċi u tal-indikaturi: …

9.10.2.2. Ritratti u/jew tpinġijiet tal-identifikazzjoni tal-kontrolli, tal-indikaturi operatorji ottiċi u tal-indikaturi u tal-parts tal-vettura msemmija fir-Regolament tan-NU Nru 121 ([82]) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) fejn rilevanti: …

9.10.3. Sits

9.10.3.1. Numru ta' pożizzjonijiet bilqiegħda ([83]): …

9.10.3.1.1. Pożizzjoni u arranġament: …

9.10.3.2. Sit(s) maħsuba għall-użu meta l-vettura tkun wieqfa biss: …

9.10.3.3. Massa: …

9.10.3.4. Karatteristiċi: għas-sits li ma għandhomx approvazzjoni tat-tip bħala komponenti, deskrizzjoni u tpinġijiet tagħhom

9.10.3.4.1. Is-sits u l-ankraġġi tagħhom: …

9.10.3.4.2. Is-sistema tal-aġġustament: …

9.10.3.4.3. Is-sistemi ta' aġġustament u llokkjar: …

9.10.3.4.4. L-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza (jekk inkorporati fl-istruttura tas-sit): …

9.10.3.4.5. Il-parts tal-vettura li jintużaw bħala ankraġġi: …

9.10.3.5. Il-koordinati jew tpinġija tal-punt R ([84])

9.10.3.5.1. Is-sit tas-sewwieq: …

9.10.3.5.2. Il-pożizzjonijiet bilqiegħda l-oħra kollha: …

9.10.3.6. L-angolu tat-torso skont id-disinn

9.10.3.6.1. Is-sit tas-sewwieq: …

9.10.3.6.2. Il-pożizzjonijiet bilqiegħda l-oħra kollha: …

9.10.3.7. Il-medda tal-aġġustament tas-sits

9.10.3.7.1. Is-sit tas-sewwieq: …

9.10.3.7.2. Il-pożizzjonijiet bilqiegħda l-oħra kollha: …

9.10.3.8. Deskrizzjoni dettaljata tal-komponenti elettriċi/elettroniċi (jekk hemm) tas-sistema tal-aġġustament tas-sit: …

9.10.3.9. Deskrizzjoni tal-ispazju għall-kompartiment tal-bagalji jekk id-dahar tas-sit jikkostitwixxi l-limitu ta' quddiem ta' dan l-ispazju: …

9.10.3.10. Vettura mgħammra b'sistema diviżorja: iva/le/fakultattiv ([4])

9.10.3.10.1. Deskrizzjoni dettaljata tas-sistema diviżorja inkluż l-immuntar mal-istruttura tal-vettura: …

9.10.4. Ilqugħ protettiv tar-ras

9.10.4.1. Tip(i) tal-ilqugħ protettiv tar-ras: integrat/jinqala'/separat ([4])

9.10.4.2. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …

9.10.4.3. Għal ilqugħ protettiv tar-ras li għadu mhux approvat

9.10.4.3.1. Deskrizzjoni dettaljata tal-ilqugħ protettiv tar-ras, li tispeċifika b'mod partikolari n-natura tal-materjal jew materjali tal-ikkuttunar u, fejn applikabbli, il-pożizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tal-istrutturi ta' rinforz u tal-biċċiet tal-ankraġġ għat-tip ta' sit li għalih tkun qiegħda tintalab l-approvazzjoni: …

9.10.4.3.2. Fil-każ ta' lqugħ protettiv tar-ras "separat"

9.10.4.3.2.1. Deskrizzjoni dettaljata taż-żona strutturali li l-ilqugħ protettiv tar-ras ikun maħsub li se jitwaħħal magħha: …

9.10.4.3.2.2. Tpinġijiet dimensjonali tal-partijiet karatteristiċi tal-istruttura u tal-ilqugħ protettiv tar-ras: …

9.10.4.4. Deskrizzjoni dettaljata tal-komponenti elettriċi/elettroniċi (jekk hemm) tas-sistema tal-aġġustament tal-ilqugħ protettiv tar-ras: …

9.10.5. Sistemi ta' tisħin għall-kompartiment tal-passiġġier

9.10.5.1. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema ta' tisħin jekk is-sistema ta' tisħin tuża s-sħana tal-likwidu li jkessaħ il-magna: …

9.10.5.2. Deskrizzjoni fid-dettall tat-tip ta' vettura fir-rigward tat-tisħin jekk l-arja tat-tkessiħ tal-magna jew il-gassijiet tal-egżost tal-magna jintużaw bħala sors ta' sħana, inklużi:

9.10.5.2.1. Tpinġija skematika tas-sistema ta' tisħin li turi l-pożizzjoni tagħha fil-vettura: …

9.10.5.2.2. Tpinġija skematika tal-iskambjatur tas-sħana għas-sistemi tat-tisħin li jużaw il-gassijiet tal-egżost għat-tisħin, jew tal-partijiet fejn l-iskambju tas-sħana jseħħ (għas-sistemi tas-sħana li jużaw l-arja tat-tkessiħ tal-magna għas-sħana): …

9.10.5.2.3. Tpinġija sezzjonali tal-iskambjatur tas-sħana jew tal-partijiet rispettivament fejn l-iskambju tas-sħana jseħħ b'indikazzjoni tal-ħxuna tal-ħajt, il-materjali użati u l-karatteristiċi tal-wiċċ: …

9.10.5.2.4. Għandhom jingħataw speċifikazzjonijiet għal komponenti importanti oħra tas-sistema tat-tisħin bħal, pereżempju, il-fann tal-heater, fir-rigward tal-metodu ta' kostruzzjoni u *data* teknika tagħhom: …

9.10.5.3. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema tat-tisħin bil-kombustjoni u tal-kontroll awtomatiku: …

9.10.5.3.1. Tpinġija skematika tal-heater tal-kombustjoni, is-sistema tad-dħul tal-arja, is-sistema tal-egżost, it-tank tal-fjuwil, is-sistema ta' provvista tal-fjuwil (inklużi l-valvoli) u l-kollegamenti elettriċi li turi l-pożizzjoni tagħhom fil-vettura.

9.10.5.4. Konsum elettriku massimu: …… kW

9.10.6. Komponenti fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tas-sits ta' quddiem fil-każ ta' kolliżjoni frontali/laterali/fuq wara.

9.10.6.1. Deskrizzjoni dettaljata, inkluż(i) ritratt(i) u/jew tpinġija/iet, tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti ta' dik il-parti tal-vettura 'l quddiem mill-kontroll tal-istering, inklużi dawk il-komponenti maħsuba biex jikkontribwixxu għall-assorbiment tal-enerġija fil-każ ta' impatt kontra l-kontroll tal-istering: …

9.10.6.2. Ritratt(i) u/jew tpinġija/ijiet tal-komponenti tal-vettura minbarra dawk deskritti fil-punt 9.10.6.1 kif identifikati mill-manifattur bi ftehim mas-servizz tekniku, bħala li jikkontribwixxu għall-imġiba tal-mekkaniżmu tal-istering fil-każ ta' impatt: …

9.10.6.3. Komponenti oħra li jinsabu fiż-żona tal-assorbiment tal-enerġija tal-vettura:

9.10.6.3.1. Deskrizzjoni tas-sistema ta' forniment tal-fjuwil likwidu: …

9.10.6.3.2. Deskrizzjoni tal-BUS ta' vultaġġ għoli BUS u tal-komponenti ta' vultaġġ għoli li jinsabu fiż-żona tal-assorbiment tal-enerġija tal-vettura: …

9.10.6.3.3. Deskrizzjoni tas-sistema/komponenti tal-idroġenu li jinsabu fiż-żona tal-assorbiment tal-enerġija tal-vettura: …

9.10.7. Kif jinħarqu l-materjali użati fil-kostruzzjoni interna ta' ċerti kategoriji ta' vettura bil-mutur

9.10.7.1. Il-materjal(i) li jintuża(w) għal-linings interni tas-saqaf

9.10.7.1.1. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, jekk disponibbli: …

9.10.7.1.2. Għall-materjali mhux approvati

9.10.7.1.2.1. Materjal(i) ta' bażi/dežinjazzjoni: ……/……

9.10.7.1.2.2. Materjal kompost/singolu ([4]), numru ta' saffi ([4]): …

9.10.7.1.2.3. Tip ta' kisja ([4]): …

9.10.7.1.2.4. ~~H~~xuna massima/minima: ……/…… mm

9.10.7.2. Materjal(i) li jintuża(w) għall-ħitan ta' wara u tal-genb

9.10.7.2.1. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, jekk disponibbli: …

9.10.7.2.2. Għall-materjali mhux approvati

9.10.7.2.2.1. Materjal(i) ta' bażi/dežinjazzjoni: ……/……

9.10.7.2.2.2. Materjal kompost/singolu ([4]), numru ta' saffi ([4]): …

9.10.7.2.2.3. Tip ta' kisja ([4]): …

9.10.7.2.2.4. ~~H~~xuna massima/minima: ……/…… mm

9.10.7.3. Il-materjal(i) li jintuża(w) għall-art

9.10.7.3.1. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, jekk disponibbli: …

9.10.7.3.2. Għall-materjali mhux approvati

9.10.7.3.2.1. Materjal(i) ta' bażi/dežinjazzjoni: ……/……

9.10.7.3.2.2. Materjal kompost/singolu ([4]), numru ta' saffi ([4]): …

9.10.7.3.2.3. Tip ta' kisja ([4]): …

9.10.7.3.2.4. Ħxuna massima/minima: ……/…… mm

9.10.7.4. Il-materjal(i) li jintuża(w) għat-tapizzerija tas-sits

9.10.7.4.1. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, jekk disponibbli: …

9.10.7.4.2. Għall-materjali mhux approvati

9.10.7.4.2.1. Materjal(i) ta' bażi/dożinjazzjoni: ……/……

9.10.7.4.2.2. Materjal kompost/singolu ([4]), numru ta' saffi ([4]): …

9.10.7.4.2.3. Tip ta' kisja ([4]): …

9.10.7.4.2.4. Ħxuna massima/minima: ……/…… mm

9.10.7.5. Materjal(i) li jintuża(w) għall-pajpijiet tat-tisħin u tal-ventilazzjoni

9.10.7.5.1. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, jekk disponibbli: …

9.10.7.5.2. Għall-materjali mhux approvati

9.10.7.5.2.1. Materjal(i) ta' bażi/dożinjazzjoni: ……/…..

9.10.7.5.2.2. Materjal kompost/singolu ([4]), numru ta' saffi ([4]): …

9.10.7.5.2.3. Tip ta' kisja ([4]): …

9.10.7.5.2.4. Ħxuna massima/minima: ……/……. mm

9.10.7.6. Il-materjal(i) li jintuża(w) għall-ixkafef għall-bagalji

9.10.7.6.1. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, jekk disponibbli: …

9.10.7.6.2. Għall-materjali mhux approvati

9.10.7.6.2.1. Materjal(i) ta' bażi/dożinjazzjoni: ……/……

9.10.7.6.2.2. Materjal kompost/singolu ([4]), numru ta' saffi ([4]): …

9.10.7.6.2.3. Tip ta' kisja ([4]): …

9.10.7.6.2.4. Ħxuna massima/minima: ……/…… mm

9.10.7.7. Il-materjal(i) li jintuża(w) għal skopijiet oħra

9.10.7.7.1. Skopijiet intenzjonati: …

9.10.7.7.2. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, jekk disponibbli: …

9.10.7.7.3. Għall-materjali mhux approvati

9.10.7.7.3.1. Materjal(i) ta' bażi/dežinjazzjoni: ……/……

9.10.7.7.3.2. Materjal kompost/singolu ([4]), numru ta' saffi ([4]): …

9.10.7.7.3.3. Tip ta' kisja ([4]): …

9.10.7.7.3.4. Ħxuna massima/minima: …./…. mm

9.10.7.8. Komponenti approvati bħala apparati sħaħ (sits, ħitan diviżorji, xkafef għall-bagalji, eċċ.)

9.10.7.8.1. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponent: …

9.10.7.8.2. Għall-apparat sħiħ: sit, ħajt diviżorju, xkafef għall-bagalji, eċċ. ([4])

9.10.8. Gass użat bħala refriġerant fis-sistema tal-arja kundizzjonata: …

9.10.8.1. Is-sistema tal-arja kundizzjonata hija ddisinjata biex taħdem bil-gassijiet fluworinati b'effett ta' serra b'potenzjal ta' tisħin globali ogħla minn 150: iva/le ([4])

9.10.8.2. Jekk iva, imla l-punti li ġejjin

9.10.8.2.1. Tpinġija u deskrizzjoni fil-qosor tas-sistema tal-arja kundizzjonata, inkluż referenza jew in-numru tal-part u l-materjal tal-komponenti ta' tnixxija;

9.10.8.2.2. Tnixxija tas-sistema tal-arja kundizzjonata

9.10.8.2.4. Referenza jew in-numru tal-part u l-materjal tal-komponenti tas-sistema u informazzjoni dwar it-test (eż. numru tar-rapport tat-test, numru ta' approvazzjoni, eċċ.): …

9.10.8.3. Tnixxija globali fi g/sena tas-sistema kollha: …

9.11. **Projezzjonijiet esterni**

9.11.1. Ritratti tal-partijiet ta' quddiem, ta' wara u tal-ġenb tal-vettura f'angolu ta' 30° sa 45° mal-pjan medjan longitudinali vertikali tal-vettura:

9.11.2. Tpinġijiet tal-"wiċċ ta' barra" biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti: …

9.11.3. Tpinġijiet ta' partijiet mill-wiċċ estern skont il-paragrafu 6.9.1 tar-Regolament tan-NU Nru 26 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) ([85]): …

9.11.4. Tpinġija tal-bumpers: …

9.11.5. Tpinġija tal-linja tal-art: …

9.12. **Ċinturini tas-sikurezza u/jew sistemi oħra ta' trażżin**

9.12.1. Numru u pożizzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza u s-sistemi l-oħra ta' trażżin u s-sits ta' fejn jistgħu jiġu użati

(L = naħa tax-xellug, R = naħa tal-lemin, C = ċentru)

		Marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kompluta	Varjanti, jekk applikabbli	Apparat li jaġġusta ċ-ċinturin għat-tul (indika iva/le/fakultattiv)
L-ewwel ringiela ta' sits	L			
	C			
	R			

(L = naħa tax-xellug, R = naħa tal-lemin, C = ċentru)

		Marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kompluta	Varjanti, jekk applikabbli	Apparat li jaġġusta ċ-ċinturin għat-tul (indika iva/le/fakultattiv)
It-tieni ringiela ta' sits ([86])	L			
	C			
	R			

9.12.2. In-natura u l-pożizzjoni tas-sistemi ta' trażżin supplimentari (indika iva/le/fakultattiv)

(L = naħa tax-xellug, R = naħa tal-lemin, C = ċentru)

		Airbag ta' quddiem	Airbag tal-ġenb	Sistemi oħra tal-airbag (jiġifieri l-airbag għall-irkoppa, eċċ.)
L-ewwel ringiela ta' sits	L			
	C			
	R			
It-tieni ringiela ta' sits ([86])	L			
	C			
	R			

9.12.3. Numru u pożizzjoni tal-ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza u prova ta' konformità mar-Regolament tan-NU Nru 14 ([87]) (jiġifieri n-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip jew ir-rapport tat-test): …

9.12.4. Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi/elettroniċi (jekk ikun hemm): …

9.12.5. Deskrizzjoni tas-sistema ta' tfakkira għaċ-ċinturin tas-sikurezza: …

9.13. **Ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza**

9.13.1. Ritratti u/jew tpinġijiet tal-karozzerija li juru l-pożizzjoni u d-dimensjonijiet tal-ankraġġi attwali u effettivi, inkluż il-punti R: …

9.13.2. Tpinġijiet tal-ankraġġi taċ-ċinturin u tal-partijiet tal-istruttura tal-vettura li jitwaħħlu magħhom (b'indikazzjoni tal-materjal): …

9.13.3. Dežinjazzjoni tat-tipi ([88]) ta' ċinturini tas-sikurezza awtorizzati għat-twaħħil mal-ankraġġi li l-vettura tkun mgħammra bihom

			Pożizzjoni tal-ankraġġ	
			Struttura tal-vettura	Struttura tas-sit
L-ewwel ringiela ta' sits				
Sit fuq il-lemin	Ankraġġi ta' isfel	esterni interni		
	Ankraġġi ta' fuq			
Sit tan-nofs	Ankraġġi ta' isfel	lemin xellug		
	Ankraġġi ta' fuq			
Sit fuq ix-xellug	Ankraġġi ta' isfel	esterni interni		
	Ankraġġi ta' fuq			

			Pożizzjoni tal-ankraġġ	
			Struttura tal-vettura	Struttura tas-sit
It-tieni ringiela ta' sits ([86])				
Sit fuq il-lemin	Ankraġġi ta' isfel	esterni interni		
	Ankraġġi ta' fuq			
Sit tan-nofs	Ankraġġi ta' isfel	lemin xellug		
	Ankraġġi ta' fuq			
Sit fuq ix-xellug	Ankraġġi ta' isfel	esterni interni		
	Ankraġġi ta' fuq			

9.13.4. Deskrizzjoni ta' tip partikolari ta' ċinturin tas-sikurezza meta jkun hemm ankraġġ fil-pożizzjoni fejn iserraħ id-dahar jew iċ-ċinturin ikun fih apparat ta' dissipazzjoni tal-enerġija: …

9.14. **Spazju għall-immuntar tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara (agħti l-firxa fejn hu l-każ, jistgħu jintużaw tpinġijiet fejn applikabbli)**

9.14.1. Għoli 'l fuq mill-wiċċ tat-triq, ix-xifer ta' fuq: …

9.14.2. Għoli 'l fuq mill-wiċċ tat-triq, ix-xifer t'isfel: …

9.14.3. Distanza tal-linja taċ-ċentru mill-pjan lonġitudinali medjan tal-vettura: …

9.14.4. Distanza mix-xifer tax-xellug tal-vettura: …

9.14.5. Dimensjonijiet (tul × wisa'): …

9.14.6. Inklinazzjoni tal-pjan mal-vertikali: …

9.14.7. Angolu ta' viżibbiltà fil-pjan orizzontali: …

9.15. **Il-Protezzjoni tal-underrun ta' wara**

9.15.0. Preżenza: iva/le/mhux kompleta ([4])

9.15.1. Tpinġija tal-partijiet tal-vettura rilevanti għall-protezzjoni tal-underrun ta' wara, jiġifieri tpinġija tal-vettura u/jew tax-xażi bil-pożizzjoni u l-armar tal-fus l-iktar wiesa' ta' wara, tpinġija tal-immuntar u/jew tat-tagħmir tal-protezzjoni tal-underrun ta' wara. Jekk il-protezzjoni tal-underrun ta' wara mhix apparat speċjali, it-tpinġija għandha turi b'mod ċar li d-dimensjonijiet meħtieġa huma ssodisfati: …

9.15.2. Fil-każ ta' apparat speċjali, deskrizzjoni kompluta u/jew tpinġija tal-protezzjoni tal-underrun ta' wara (inkluż il-mountings u l-fittings), jew, jekk approvat bħala unità teknika separata, in-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip: …

9.16. **Protezzjoni tar-roti**

9.16.1. Deskrizzjoni qasira tal-vettura fir-rigward tal-protezzjonijiet tar-roti tagħha: …

9.16.2. Tpinġijiet dettaljati tal-protezzjonijiet tar-roti u l-pożizzjoni tagħhom fuq il-vettura, li juru d-dimensjonijiet speċifikati fil-Figura 1 tal-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1009/2010 ([89]) u li jqisu l-estremitajiet ta' kombinazzjonijiet ta' tajer/rota: …

9.17. **Pjanċi statutorji**

9.17.1. Ritratti u/jew tpinġijiet tal-pożizzjonijiet tal-pjanċi u skrizzjonijiet statutorji u tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura: …

9.17.2. Ritratti u/jew tpinġijiet tal-pjanċa u skrizzjonijiet statutorji (eżempju komplut bid-dimensjonijiet): …

9.17.3. Ritratti u/jew tpinġijiet tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (eżempju komplut bid-dimensjonijiet): …

9.17.4. Id-dikjarazzjoni tal-manifattur ta' konformità mal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 ([90])

9.17.4.1. It-tifsira tal-karattri fit-taqsima tad-deskrittur tal-vettura (VDS) tal-punt 2.1. tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 19/2011 u, jekk applikabbli, it-taqsima tal-indikatur tal-vettura (VIS) tagħha, għall-konformità mar-rekwiżiti tat-taqsima 5.3 tal-Istandard ISO 3779:2009, għandha tiġi spjegata: …

9.17.4.2. Jekk il-karattri fit-tieni taqsima tad-deskrizzjoni tal-vettura jintużaw għall-konformità mar-rekwiżiti tat-taqsima 5.4 tal-Istandard ISO 3779:2009 (jiġifieri s-sena tal-mudell) dawn il-karattri għandhom jiġu indikati: …

9.18. **Interferenza tal-frekwenza tar-radju/kompatibilità elettromanjetika**

9.18.1. Deskrizzjoni u tpinġijiet/ritratti tal-forom u l-materjali kostitwenti tal-parti tal-karozzerija li tifforma l-kompartiment tal-magna u l-parti tal-kompartiment tal-passiġġier l-eqreb tagħha: …

9.18.2. Tpinġijiet jew ritratti tal-pożizzjoni tal-komponenti tal-metall li jinsabu fil-kompartiment tal-magna (eżempju apparati tas-sħana, stepni, filtru tal-arja, mekkaniżmu tal-istering, eċċ.): …

9.18.3. Tabella u tpinġija tat-tagħmir ta' kontroll tal-interferenza tar-radju: …

9.18.4. Partikolaritajiet u valur nominali tar-resistenza DC, u fil-każ ta' cables tal-istartjar reżistenti, tar-reżistenza nominali tagħhom kull metru: …

9.19. **Protezzjoni laterali**

9.19.0. Preżenza: iva/le/mhux kompleta ([4])

9.19.1. Tpinġija tal-partijiet tal-vettura rilevanti għall-protezzjoni laterali, jiġifieri tpinġija tal-vettura u/jew tax-xażi bil-pożizzjoni u l-immuntar tal-fus(ien), tpinġija tal-mountings u/jew tal-fittings tat-apparat(i) ta' protezzjoni laterali. Jekk il-protezzjoni laterali tinkiseb mingħajr apparat(i) ta' protezzjoni laterali, it-tpinġija trid turi biċ-ċar li d-dimensjonijiet meħtieġa huma ssodisfati: …

9.19.2. Fil-każ ta' apparat(i) ta' protezzjoni laterali, deskrizzjoni sħiħa u/jew tpinġija ta' tali apparat(i) (inklużi l-mountings u l-fittings) jew in-numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti tiegħu/tagħhom: …

9.20. **Sistema ta' soppressjoni tat-titjir ta' sprej**

9.20.0. Preżenza: iva/le/mhux kompleta ([4])

9.20.1. Deskrizzjoni qasira tal-vettura fir-rigward tas-sistema ta' soppressjoni tat-titjir ta' sprej u l-komponenti konstitwenti: …

9.20.2. Tpinġijiet dettaljati tas-sistema ta' soppressjoni tat-titjir u l-pożizzjoni tagħha fuq il-vettura, li juru d-dimensjonijiet speċifikati fil-figuri tal-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 109/2011 ([91]) u li jqisu l-estremitajiet ta' kombinazzjonijiet ta' tajer/rota: …

9.20.3. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tal-apparat(i) ta' soppressjoni tat-titjir ta' sprej, jekk jeżisti/u: …

9.21. **Reżistenza għal impatt mill-ġenb**

9.21.1. Deskrizzjoni dettaljata, inkluż ritratti u/jew tpinġijiet, tal-vettura fir-rigward tal-istruttura, tad-dimensjonijiet, tal-linji u tal-materjali kostitwenti tal-ħitan tal-ġenb tal-kompartiment tal-passiġġieri (esterni u interni), li jinkludu dettalji speċifiċi tas-sistema ta' protezzjoni, fejn applikabbli: …

9.22. **Protezzjoni tal-underrun ta' quddiem**

9.22.0. Preżenza: iva/le/mhux kompleta ([4])

9.22.1. Tpinġija tal-partijiet tal-vettura rilevanti għal mal-protezzjoni tal-underrun ta' quddiem, jiġifieri, it-tpinġija tal-vettura u/jew tax-xażi bil-pożizzjoni u l-mountings u/jew il-fittings tal-fus tal-protezzjoni tal-underrun ta' quddiem. Jekk il-protezzjoni tal-underrun mhix apparat speċjali, it-tpinġija għandha turi b'mod ċar li d-dimensjonijiet meħtieġa huma ssodisfati: …

9.22.2. Fil-każ ta' apparat speċjali, deskrizzjoni sħiħa u/jew tpinġija tal-protezzjoni tal-underrun ta' quddiem (inkluż il-mountings u l-fittings), u, jekk approvat bħala unità teknika separata, in-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip: …

9.23. **Protezzjoni tal-persuni bil-mixi**

9.23.1. Għandha tingħata deskrizzjoni dettaljata, inklużi ritratti u/jew tpinġijiet, tal-vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji ta' referenza rilevanti u l-materjali kostitwenti tan-naħa ta' quddiem tal-vettura (ta' ġewwa u ta' barra), inkluż dettall ta' kull sistema ta' protezzjoni attiva installata.

9.24. **Sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem**

9.24.1. Arranġament ġenerali (tpinġijiet jew ritratti), li jindika l-pożizzjoni u t-twaħħil tas-sistemi ta' protezzjoni ta' quddiem:

9.24.2. Tpinġijiet u/jew ritratti, fejn ikun rilevanti, tax-xbieki għad-dħul tal-arja, ix-xibka tar-radjatur, ir-raqam dekorattiva, badges, emblemi u riċessijiet u kwalunkwe projezzjoni esterna oħra u partijiet tal-wiċċ ta' barra li jistgħu jitqiesu bħala kritiċi (pereżempju tagħmir tat-tidwil). Jekk il-partijiet elenkati fl-ewwel sentenza mhux kritiċi, għal finijiet ta' dokumentazzjoni huma jistgħu jiġu sostitwiti b'ritratti, akkumpanjati jekk ikun meħtieġ minn dettalji u/jew test dimensjonali:

9.24.3. Imla d-dettalji dwar il-fittings meħtieġa u l-istruzzjonijiet kollha, inklużi r-rekwiżiti tat-torque, għall-immuntar:

9.24.4. Tpinġija tal-bumpers:

9.24.5. Tpinġija tal-linja tal-art fit-tarf ta' quddiem tal-vettura:

9.25. **Apparat jew tagħmir ajrudinamiku**

9.25.1. Deskrizzjoni teknika dettaljata (inklużi ritratti jew tpinġijiet, kif ukoll deskrizzjoni tal-materjali) tal-partijiet tal-vettura rilevanti għall-Parti C, il-punt 1.4 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012: ...

9.26. **Apparat jew tagħmir ajrudinamiku fuq quddiem tal-vettura**

9.26.1. Vettura mgħammra b'apparat jew tagħmir ajrudinamiku fuq quddiem: iva/le ([4])

9.26.2. Numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-apparat jew tagħmir ajrudinamiku, jekk jeżisti: …

Jew, jekk mhux disponibbli, ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt:

9.26.3. Deskrizzjoni dettaljata (inklużi ritratti jew tpinġijiet) tal-apparat jew tagħmir ajrudinamiku (NB: meħud mill-addendum taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip)

9.26.3.1. Kostruzzjoni u materjali: …

9.26.3.2. Sistema ta' llokkjar u aġġustament: …

9.26.3.3. Twaħħil u mmuntar mal-vettura: …

9.27. **Apparat jew tagħmir ajrudinamiku fuq wara tal-vettura**

9.27.1. Vettura mgħammra b'apparat jew tagħmir ajrudinamiku fuq wara: iva/le ([4])

9.27.2. Numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-apparat jew tagħmir ajrudinamiku, jekk jeżisti: …

Jew, jekk mhux disponibbli, ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt:

9.27.3. Deskrizzjoni dettaljata (inklużi ritratti jew tpinġijiet) tal-apparat jew tagħmir ajrudinamiku (NB: meħud mill-addendum taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip)

9.27.3.1. Kostruzzjoni u materjali: …

9.27.3.2. Sistema ta' llokkjar u aġġustament: …

9.27.3.3. Twaħħil u mmuntar mal-vettura: …

10. DWAL U APPARATI GĦAS-SINJALAR BID-DAWL

10.1. Tabella tal-apparati kollha: numru, marka, mudell, marka tal-approvazzjoni tat-tip, intensità massima tal-fanali ta' quddiem b'raġġ ewlieni, kulur, indikatur operatorju ottiku (tell-tale): …

10.2. Tpinġija tal-pożizzjoni tad-dwal u l-apparati għas-sinjalar bid-dawl: …

10.3. Għal kull fanal u riflettur speċifikat fir-Regolament tan-NU Nru 48 ([92]) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE), ipprovdi l-informazzjoni li ġejja (bil-miktub u/jew permezz ta' dijagramma)

10.3.1. Tpinġija li turi l-estent tal-wiċċ illuminanti: …

10.3.2. Metodu użat għad-definizzjoni tal-wiċċ evidenti skont il-paragrafu 2.10 tar-Regolament tan-NU Nru 48: …

10.3.3. Assi ta' riferenza u ċentru ta' referenza: …

10.3.4. Metodu ta' operazzjoni tal-fanali li jistgħu jinħbew: …

10.3.5. Kwalunkwe dispożizzjoni speċifika ta' mmuntar jew installazzjoni ta' wajers: …

10.4. Fanali b'raġġ baxx: orjentazzjoni normali skont il-paragrafu 6.2.6.1 tar-Regolament tan-NU Nru 48:

10.4.1. Valur tal-aġġustament inizjali: …

10.4.2. Il-pożizzjoni tal-indikazzjoni: …

10.4.3.	Deskrizzjoni/tpinġija ([4]) u tip tal-apparat ta' livellar tal-fanal ta' quddiem (eż. awtomatiku, aġġustabbli manwalment pass, pass, aġġustabbli manwalment b'mod kontinwu):	Applikabbli biss għal vetturi b'apparat tal-livellar tal-fanali ta' quddiem
10.4.4.	Apparat ta' kontroll:	
10.4.5.	Marki ta' referenza:	
10.4.6.	Marki assenjati għall-kundizzjonijiet ta' tagħbija:	

10.5. Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi/elettroniċi minbarra l-fanali (jekk jeżistu): …

11. KONNESSJONIJIET BEJN IL-VETTURI TAL-IRMONK U TREJLERS U SEMITREJLERS

11.1. Klassi u tip tal-apparat(i) tal-akkoppjament mgħammra jew li jridu jiġu mgħammra: …

11.2. Karatteristiċi D, U, S u V tal-apparat(i) tal-akkoppjament immuntat(i) jew karatteristiċi minimi D,U, S u V tal-apparat(i) tal-akkoppjament li jrid(u) jiġi/u mmuntat(i): …… daN

11.3. Struzzjonijiet għat-twaħħil tat-tip tal-akkoppjament mal-vettura u ritratti jew tpinġijiet tal-postijiet tat-twaħħil fuq il-vettura kif iddikjarat mill-manifattur; informazzjoni addizzjonali, jekk l-użu tat-tip tal-akkoppjament huwa ristrett għal ċerti varjanti jew verżjonijiet tat-tip ta' vettura: …

11.4. Informazzjoni tat-twaħħil ta' brekits speċjali tal-irmonk jew ta' pjanċi tal-immuntar: …

11.5. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip: …

12. MIXXELLANJU

12.1. Apparat(i) ta' twissija li jista' tinstema'

12.1.1. Il-pożizzjoni, metodu ta' twaħħil, tqegħid u orjentazzjoni tal-apparat(i), bid-dimensjonijiet: …

12.1.2. Numru ta' apparat(i): …

12.1.3. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip: …

12.1.4. Dijagramma taċ-ċirkwit elettriku/pnewmatiku ([4]): …

12.1.5. Vultaġġ jew pressjoni nominali: …

12.1.6. Tpinġija tal-apparat tal-immuntar: …

12.2. Apparati għall-prevenzjoni tal-użu mhux awtorizzat tal-vettura

12.2.1. Apparat protettiv

12.2.1.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-arranġament u disinn tal-kontroll jew tal-unità li fuqha jaġixxi l-apparat protettiv: …

12.2.1.2. Tpinġijiet tal-apparat protettiv u tal-immuntar tiegħu fuq il-vettura: …

12.2.1.3. Deskrizzjoni teknika tal-apparat: …

12.2.1.4. Dettalji tal-kombinazzjoni tal-lokk użata: …

12.2.1.5. Immobilizzatur tal-vettura

12.2.1.5.1. Numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …

12.2.1.5.2. Għal immobilizzaturi li għadhom mhux approvati

12.2.1.5.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tal-immobilizzatur tal-vettura u tal-miżuri meħuda kontra l-attivazzjoni aċċidentali: …

12.2.1.5.2.2. Is-sistema/i li fuqha/fuqhom jaġixxi l-immobilizzatur tal-vettura: …

12.2.1.5.2.3. Numru ta' kodiċijiet interkambjabbli effettivi, jekk applikabbli: …

12.2.2. Sistema tal-allarm (jekk hemm)

12.2.2.1. Numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …

12.2.2.2. Għal sistemi tal-allarm li għadhom mhux approvati

12.2.2.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tas-sistema tal-allarm u tal-partijiet tal-vettura relatati mas-sistema tal-allarm installata: …

12.2.2.2.2. Lista tal-komponenti prinċipali li jagħmlu s-sistema tal-allarm: …

12.2.3. Deskrizzjoni qasira tal-komponenti elettriċi/elettroniċi (jekk ikun hemm): …

12.3. Apparat(i) tal-irmonk

12.3.1. Quddiem: Ganċ/ħolqa/oħrajn ([4])

12.3.2. Wara: Ganċ/ħolqa/oħrajn/xejn ([4])

12.3.3. Tpinġija jew ritratt tax-xażi/taż-żona tal-karrozzerija tal-vettura li turi/juri l-pożizzjoni, il-kostruzzjoni u l-immuntar tal-apparat(i) tal-irmonkr: …

12.4. Dettalji ta' kwalunkwe apparat relatat li ma għandux x'jaqsam mal-magna intiż biex jinfluwenza l-konsum tal-fjuwil (jekk mhux kopert minn punti oħra): …

12.5. Dettalji ta' kwalunkwe apparat relatat li ma għandux x'jaqsam mal-magna intiż biex inaqqas il-ħsejjes (jekk mhux kopert minn punti oħra): …

12.6. Apparati li jillimitaw il-veloċità

12.6.1. Manifattur(i): …

12.6.2. It-tip(i): …

12.6.3. Numru/i taċ-ċertifikat(i) tal-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …

12.6.4. Veloċità jew firxa ta' veloċitajiet li fiha/fihom tista' tiġi stabbilita l-limitazzjoni tal-veloċità: …… km/h

12.7. Tabella ta' installazzjoni u użu ta' trażmettituri RF fil-vettura(i), jekk applikabbli: …

Meded ta' frekwenza (Hz)	Potenza massima tal-output (W)	Il-pożizzjoni tal-antenna f'vettura, kundizzjonijiet speċifiċi għall-installazzjoni u/jew l-użu

L-applikant għal approvazzjoni tat-tip għandu jipprovdi wkoll, fejn xieraq:

Appendiċi 1

Lista li fiha l-għamla u t-tip tal-komponenti elettriċi u/jew elettroniċi kollha, approvati għat-tip matul din l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa, ikkonċernati mir-Regolament tan-NU Nru 10 ([93]) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE).

Appendiċi 2

Dijagrammi skematiċi jew tpinġija tal-arranġament ġenerali ta' komponenti elettriċi u/jew elettroniċi, approvati għat-tip matul din l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa, ikkonċernati bir-Regolament tan-NU Nru 10 u l-arranġament ġenerali tax-xedd tal-wajers.

Appendiċi 3

Deskrizzjoni tal-vettura magħżula biex tirrappreżenta t-tip

Stil tal-karozzerija:

Stering fuq in-naħa tal-lemin jew tax-xellug ([4])

Il-bażi tar-roti:

Appendiċi 4

Rapport(i) ta' testijiet rilevanti forniti mill-manifattur jew minn laboratorji approvati/rikonoxxuti għall-għan tat-tfassil taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip

12.7.1. Vettura mgħammra b'tagħmir tar-radar b'medda qasira ta' 24 GHz: iva/le ([4])

12.8. Sistema eCall

12.8.1. Preżenza: iva/le ([4])

12.8.2. Deskrizzjoni teknika u tpinġijiet tal-apparat jew in-numru/i taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip: …

12.9. Sistema ta' Twissija Akustika tal-Vettura (AVAS)

12.9.1. In-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni maħruġ abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tan-NU Nru 138 ([94]) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE):

jew

12.9.2. Referenza sħiħa għar-riżultati tat-testijiet tal-livelli tal-emissjonijiet ta' ħoss tal-AVAS, imkejla skont ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 ([95]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

12.10. Apparati jew sistemi b'modalitajiet li jistgħu jintgħażlu mis-sewwieq li jinfluwenzaw l-emissjonijiet ta' CO_2 u/jew l-emissjonijiet ta' referenza u li ma għandhom ebda modalità predominanti: iva/le ([4])

12.10.1. Test fil-modalità ta' Sostenn taċ-Ċarġ (jekk applikabbli) (iddikjara għal kull apparat jew sistema)

12.10.1.1. Modalità tal-aħjar xenarju: …

12.10.1.2. Modalità tal-agħar xenarju: …

12.10.2. Test fil-modalità ta' Tnaqqis taċ-Ċarġ (jekk applikabbli) (iddikjara għal kull apparat jew sistema)

12.10.2.1. Modalità tal-aħjar xenarju: …

12.10.2.2. Modalità tal-agħar xenarju: …

12.10.3. Test tat-tip 1 (jekk applikabbli) (iddikjara għal kull apparat jew sistema)

12.10.3.1. Modalità tal-aħjar xenarju: …

12.10.3.2. Modalità tal-agħar xenarju: …

13. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL KAROZZI TAL-LINJA U COACHES

13.1. Klassi tal-vettura: Klassi I/Klassi II/Klassi III/Klassi A/Klassi B ([4])

13.1.1. Numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-karrozzerija approvata bħala unità teknika separata: …

13.1.2. Tipi ta' xażi li fuqhom il-karozzerija b'approvazzjoni tat-tip tista' tiġi installata (manifattur(i), u tipi ta' vetturi mhux kompleti): …

13.2. **Żona tal-passiġġieri (m^2)**

13.2.1. Total (S_0): …

13.2.2. Pjan ta' fuq (S_{0a}) ([4]): …

13.2.3. Pjan ta' isfel (S_{0b}) ([4]): …

13.2.4. Għal passiġġieri bilwieqfa (S_1): …

13.3. **Numru ta' passiġġieri (bilqiegħda u bilwieqfa)**

13.3.1. Total (N): …

13.3.2. Pjan ta' fuq (N_a) ([4]): …

13.3.3. Pjan ta' isfel (N_b) ([4]): …

13.4. **Numru ta' passiġġieri bilqiegħda**

13.4.1. Total (A): …

13.4.2. Pjan ta' fuq (Aa) ([4]): …

13.4.3. Pjan ta' isfel (Ab) ([4]): …

13.4.4. Numru ta' pożizzjonijiet aċċessibbli għall-utenti ta' siġġijiet tar-roti: …

13.5. Numru ta' bibien ta' servizz: …

13.6. Numru ta' punti ta' ħruġ ta' emerġenza (bibien, twieqi, bibien ta' evakwazzjoni, turġien interni u nofs turġien): …

13.6.1. Total: …

13.6.2. Pjan ta' fuq ([4]): …

13.6.3. Pjan ta' isfel ([4]): …

13.7. Volum tal-kompartimenti tal-bagalji (m^3): …

13.8. Erja fuq is-saqaf għal ġarr ta' bagalji (m^2): …

13.9. Apparati tekniċi li jiffaċilitaw l-aċċess għal fuq il-vetturi (eż. rampa, pjattaforma elevabbli, sistema ta' inklinazzjoni) jekk ikunu installati: …

13.10. Saħħa tas-superstruttura

13.10.1. Numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: …

13.10.2. Għal superstrutturi li għadhom mhux approvati

13.10.2.1. Deskrizzjoni dettaljata tas-superstruttura tat-tip tal-vettura li tinkludi d-dimensjonijiet, il-konfigurazzjoni u l-materjali kostitwenti u t-twaħħil tagħha ma' kwalunkwe qafas tax-xażi: …

13.10.2.2. Tpinġijiet tal-vettura u ta' dawk il-partijiet tal-arranġament intern tagħha li jistgħu jinfluwenzaw is-saħħa tas-superstruttura jew l-ispazju residwu: …

13.10.2.3. Pożizzjoni taċ-ċentru tal-gravità tal-vettura f'kundizzjoni ta' sewqan fid-direzzjoni longitudinali, trażversali u vertikali: …

13.10.2.4. Distanza massima bejn il-linji taċ-ċentru tas-sits tal-passiġġieri esterni: …

13.11. Il-punti tar-Regolament tan-NU Nru 66 ([96]) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) li għandhom jitwettqu u jintwerew għal din l-unità teknika: …

13.12. Tpinġija bid-dimensjonijiet li juru l-arranġament intern fir-rigward tal-pożizzjonijiet bilqiegħda, iż-żona għall-persuni bilwieqfa, l-utent(i) tas-siġġijiet tar-roti, il-kompartimenti għall-bagalji inklużi l-ixkafef u l-kaxxa għall-iski, jekk ikun hemm

14. DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL VETTURI MAĦSUBA GĦAT-TRASPORT TA' OĠĠETTI PERIKOLUŻI

14.1. **Tagħmir elettriku skont ir-Regolament tan-NU Nru 105 ([97]) tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE)**

14.1.1. Protezzjoni kontra li l-kondutturi jisħnu żżejjed: …

14.1.2. Tip ta' circuit breaker: …

14.1.3. Tip u operat tal-iswiċċ prinċipali tal-batterija: …

14.1.4. Deskrizzjoni u pożizzjoni tal-barriera ta' sikurezza għat-takografu: …

14.1.5. Deskrizzjoni ta' installazzjonijiet enerġizzati b'mod permanenti. Indika l-istandard EN applikat: …

14.1.6. Kostruzzjoni u protezzjoni tal-installazzjoni elettrika li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-kompartiment tas-sewwieq: …

14.2. **Prevenzjoni tar-riskji ta' nirien**

14.2.3. Pożizzjoni u protezzjoni mis-sħana tal-magna: …

14.2.4. Pożizzjoni u protezzjoni mis-sħana tas-sistema tal-egżost: …

14.2.5. Tip u disinn tas-sistema tal-protezzjoni mis-sħana tas-sistemi tal-ibbrejkjar ta' reżistenza: …

14.2.6. Tip, disinn u pożizzjoni tal-heaters tal-kombustjoni: …

15.	L-UŻU MILL-ĠDID, IR-RIĊIKLAĠĠ U L-IRKUPRU
15.1.	Il-verżjoni li għaliha tappartjeni l-vettura ta' referenza: …
15.2.	Massa tal-vettura ta' referenza bil-karozzerija jew il-massa tax-xażi bil-kabina, mingħajr karozzerija u/jew apparat tal-akkoppjament jekk il-manifattur ma jinstallax il-karozzerija u/jew l-apparat tal-akkoppjament (inkluż likwidi, għodda, stepni, jekk mgħammra) mingħajr is-sewwieq: …
15.3.	Massa ta' materjali għall-vettura ta' referenza: …
15.3.1.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi ta' pretrattament ([98]): …
15.3.2.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi ta' żarmar ([98]): …
15.3.3.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi tat-trattament ta' residwi mhux metalliċi, meqjusa bħala riċiklabbli ([98]): …
15.3.4.	Massa ta' materjal meqjusa fil-fażi tat-trattament ta' residwi mhux metalliċi, meqjusa bħala enerġija rekuperabbli ([98]): …
15.3.5.	Tqassim tal-materjali ([98]): …
15.3.6.	Massa totali tal-materjali, li jistgħu jintużaw mill-ġdid u/jew riċiklabbli: …
15.3.7.	Massa totali tal-materjali, li jistgħu jintużaw mill-ġdid u/jew li huma rekuperabbli: …
15.4.	**Rati**
15.4.1.	Ir-rata ta' riċiklabbiltà "R_{cyc}" (%): …
15.4.2.	Ir-rata ta' rekuperabbiltà "R_{cov}" (%): …
16.	L-AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IT-TISWIJA U L-MANUTENZJONI TAL-VETTURA
16.1.	L-indirizz tas-sit web prinċipali għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura: …
16.1.1.	Data li minnha jkun disponibbli (mhux aktar tard minn 6 xhur mid-data tal-approvazzjoni tat-tip): …
16.2.	Termini u kundizzjonijiet tal-aċċess għas-sit web: …
16.3.	Format tat-tagħrif dwar tiswija u żamma tal-vettura aċċessibbli permezz tas-sit web: …

ANNESS II

MUDELL GĦAL DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI GĦALL-FINIJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP PASS PASS TAL-UE GĦAL VETTURA SĦIĦA

Id-dokumenti ta' informazzjoni msemmija fir-Regolament (UE) 2018/858 fir-rigward ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura sħiħa għandhom jikkonsistu biss f'estratti mil-lista li ġejja, u għandhom jikkonformaw mas-sistema tan-numerazzjoni tal-punti tat-tali lista.

Kun żgur li t-tpinġijiet jew l-istampi juru biżżejjed dettalji b'mod distintiv u viżibbli jekk ikunu stampati fuq daqs A4.

Għan-noti ta' spjegazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-aħħar paġna tal-Anness I.

PARTI I

A. **Kategoriji M u N**

0. ĠENERALI

0.1. Marka (isem kummerċjali tal-manifattur): …

0.2. Tip: …

0.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli): …

0.2.2. Għal vetturi approvati f'diversi stadji, informazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura fl-istadju bażiku/preċedenti (elenka l-informazzjoni għal kull stadju). (Dan jista' jsir permezz ta' matriċi):

Tip: …

Varjant(i): …

Verżjoni(jiet): …

In-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip inkluż in-numru tal-estensjoni: …

0.2.2.1. Il-Valuri tal-Parametri permessi għal approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji sabiex jintużaw il-valuri bażi tal-emissjonijiet tal-vetturi (daħħal il-medda jekk applikabbli) ([1]):

Il-massa tal-Vettura Finali (f'kg): …

L-erja ta' quddiem għall-vettura finali (f'cm^2): …

Ir-reżistenza għad-dawrien (kg/t): …

L-erja trażversali tad-dħul tal-arja tax-xibka ta' quddiem (f'cm^2): …

0.2.3. Identifikaturi ([1]):

0.2.3.1. Identifikatur tal-familja tal-interpolazzjoni: …

0.2.3.2. Identifikatur tal-familja tal-ATCT: …

0.2.3.3. Identifikatur tal-familja tal-PEMS: …

0.2.3.4. Identifikatur tal-familja tat-tagħbija fit-triq:

0.2.3.4.1. Il-familja tat-tagħbija fit-triq ta' VH: …

0.2.3.4.2. Il-familja tat-tagħbija fit-triq ta' VL: …

0.2.3.4.3. Il-familji tat-tagħbija fit-triq applikabbli fil-familja tal-interpolazzjoni: …

0.2.3.5. Identifikatur tal-familja tal-Matriċi tat-Tagħbija fit-Triq: …

0.2.3.6. Identifikatur tal-familja tar-riġenerazzjoni perjodika: …

0.2.3.7. Identifikatur tal-familja tat-test evaporattiv: …

0.2.3.8. Identifikatur tal-familja tal-OBD: …

0.2.3.9. Identifikatur ta' familja oħra: …

0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ([2]): …

0.3.1. Pożizzjoni ta' dik il-marka: …

0.4. Kategorija tal-vettura ([3]): …

0.4.1. Klassifikazzjoni(jiet) skont l-oġġetti perikolużi li l-vettura hija maħsuba li tittrasporta: …

0.5. Isem u indirizz tal-kumpanija tal-manifattur: …

0.5.1. Għal vetturi approvati f'diversi stadji, l-isem tal-kumpanija u l-indirizz tal-manifattur tal-vettura fl-istadju bażiku jew fl-istadju/i preċedenti: …

0.8. Isem/ismijiet u indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: …

0.9. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk applikabbli): …

1. IL-KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew tpinġijiet ta' eżempju rappreżentattiv tal-vettura: …

1.3. Numru ta' fusien: … u roti ([5]): …

1.3.1. Numru u pożizzjoni tal-fusien b'roti doppji: …

1.3.2. Numru u pożizzjoni tal-fusien manuvrabbli: …

1.3.3. Fusien motorizzati (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni): …

1.4. Xażi (jekk ikun hemm) (tpinġija ġenerali – l-iqsar u l-itwal bażi tar-roti): …

1.6. Pożizzjoni u arranġament tal-magna: …

1.8. Naħa tas-sewqan: xellug/lemin ([4])

1.8.1. Il-vettura hija mgħammra biex tiġi misjuqa fit-traffiku fuq in-naħa tal-lemin/tax-xellug ([4])

1.9. Speċifika jekk il-vettura tal-irmonk tkunx maħsuba sabiex tirmonka semitrejlers jew trejlers oħra u jekk it-trejler huwiex semitrejler, trejler bi żbarra tal-irmonk, trejler b'fus ċentrali jew trejler bi żbarra tal-irmonk riġida: …

1.10. Speċifika jekk il-vettura hijiex iddisinjata apposta għall-ġarr ta' merkanzija f'temperatura kkontrollata: …

1.11. Speċifika jekk il-vettura hijiex awtomatizzata għalkollox/awtomatizzata/mhux awtomatizzata ([4]) ([8])

2. MASES U DIMENSJONIJIET ([9]) ([10]) ([11])

(f'kg u mm) (Irreferi għat-tpinġija fejn applikabbli)

2.1. Bażi(jiet) tar-roti (b'tagħbija sħiħa) ([12]):

2.1.1. Vetturi b'żewġ fusien: …

2.1.2. Vetturi bi tliet fusien jew aktar

2.1.2.1. L-ispazju bejn il-fusien konsekuttivi mill-fus ta' quddiem nett sal-fus ta' wara nett: …

2.1.2.2. Spazju totali bejn il-fusien ([13]): …

2.3.1. Trekk ta' kull fus manuvrabbli ([17]): …

2.3.2. Trekk tal-fusien l-oħrajn kollha ([17]): …

2.4. Firxa tad-dimensjonijiet tal-vettura (globali)

2.4.1. Għal xażi mingħajr karrozzerija

2.4.1.1. Tul ([18]): …

2.4.1.1.1. Tul massimu permissibbli: …

2.4.1.1.2. Tul minimu permissibbli: …

2.4.1.2. Wisa' ([20]): …

2.4.1.2.1. Wisa' massima permissibbli: …

2.4.1.2.2. Wisa' minima permissibbli: …

2.4.1.3. Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([21]) (għal sospensjonijiet aġġustabbli għall-għoli, indika l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): …

2.4.1.3.1. Għoli massimu permissibbli ([22]): …

2.4.2. Għal xażi b'karrozzerija

2.4.2.1. Tul ([18]): …

2.4.2.1.1. Tul taż-żona tat-tagħbija: …

2.4.2.1.3. Kabina elongata li tikkonforma mal-Artikolu 9a tad-Direttiva 96/53/KE: iva/le ([4])

2.4.2.2. Wisa' ([20]): …

2.4.2.2.1. Ħxuna tal-ħitan (fil-każ ta' vetturi ddisinjati għall-ġarr ta' merkanzija f'temperatura kkontrollata): …

2.4.2.3. Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([21]) (għal sospensjonijiet aġġustabbli għall-għoli, indika l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): …

2.5. Massa minima fuq il-fus(ien) tal-istering għall-vetturi mhux kompleti: …

2.6. Il-massa f'kundizzjoni ta' sewqan ([30])

(a) minima u massima għal kull varjant: …

(b) massa ta' kull verżjoni (trid tiġi pprovduta matriċi): …

2.6.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa fuq il-fusien u, fil-każ ta' semitrejler, trejler bi żbarra tal-irmonk riġida, jew trejler b'fus ċentrali, il-massa fuq l-akkoppjament:

(a) minima u massima għal kull varjant: …

(b) massa ta' kull verżjoni (trid tiġi pprovduta matriċi): …

2.6.2. Massa tat-tagħmir fakultattiv (kif definita fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012: …

2.6.4. Massa addizzjonali għall-propulsjoni alternattiva: …kg

2.6.5. Lista ta' tagħmir għall-propulsjoni alternattiva (u indikazzjoni tal-massa tal-partijiet):

2.7. Massa minima tal-vettura kompluta kif iddikjarat mill-manifattur, fil-każ ta' vettura mhux kompleta: …

2.8. Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur ([32]) ([33]): …

2.8.1. Distribuzzjoni ta' din il-massa fuq il-fusien u, fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus ċentrali, tagħbija fuq il-punt tal-akkoppjament ([33]): …

2.9. Massa massima teknikament permissibbli fuq kull fus: …

2.10. Massa teknikament permissibbli fuq kull grupp ta' fusien: …

2.11. Massa massima rmonkata teknikament permissibbli tal-vettura tal-irmonk

fil-każ ta':

2.11.1. Trejler bi żbarra tal-irmonk: …

2.11.2. Semitrejler: …

2.11.3. Trejler b'fus ċentrali: …

2.11.4. Trejler bi żbarra tal-irmonk riġida: …

2.11.5. Massa massima mgħobbija teknikament permissibbli tal-kombinazzjoni ([33]): …

2.11.6. Massa massima ta' trejler mingħajr brejkijiet: …

2.12. Massa massima teknikament permissibbli fuq il-punt tal-akkoppjament:

2.12.1. ta' vettura tal-irmonk: …

2.12.2. ta' semitrejler, trejler b'fus ċentrali jew trejler bi żbarra tal-irmonk riġida: …

2.16. **Mases massimi permissibbli għar-reġistrazzjoni/għat-tqegħid fis-servizz, kategoriji ta' vetturi M_2, M_3, N_2, N_3, O_3 u O_4 (fakultattiv)**

2.16.1. Massa massima mgħobbija permissibbli għar-reġistrazzjoni/għat-tqegħid fis-servizz: …

2.16.2. Massa massima permissibbli għar-reġistrazzjoni/għat-tqegħid fis-servizz fuq kull fus, u fil-każ ta' semitrejler jew trejler b'fus ċentrali, it-tagħbija maħsuba fuq il-punt tal-akkoppjament iddikjarata mill-manifattur jekk tkun inqas mill-massa massima teknikament permissibbli fuq il-punt tal-akkoppjament: …

2.16.3. Massa massima permissibbli għar-reġistrazzjoni/għat-tqegħid fis-servizz fuq kull grupp ta' fusien: …

2.16.4. Massa massima rmonkata permissibbli għar-reġistrazzjoni/għat-tqegħid fis-servizz: …

2.16.5. Massa massima permissibbli tal-kombinazzjoni għar-reġistrazzjoni/għat-tqegħid fis-servizz: …

2.17. **Vettura ppreżentata għall-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji** (fil-każ biss ta' vetturi mhux kompleti jew kompluti tal-kategorija N1 fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([99])): iva/le ([4])

2.17.1. Massa tal-vettura bażi f'kundizzjoni ta' sewqan: … kg.

2.17.2. Massa predefinita miżjuda, ikkalkolata skont it-Taqsima 5 tal-Anness XII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 ([100]): … kg.

3. KONVERTITUR TAL-ENERĠIJA TAL-PROPULSJONI ([38])

3.1. Manifattur tal-konvertitur(i) tal-enerġija tal-propulsjoni: …

3.1.1. Il-kodiċi tal-manifattur (kif immarkat fuq il-konvertitur tal-enerġija tal-propulsjoni jew mezzi oħra ta' identifikazzjoni): …

3.1.2. In-numru taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni (fejn xieraq), inkluż il-marka tal-identifikazzjoni tal-fjuwil: …

(vetturi heavy-duty biss)

3.2. Magna b'kombustjoni interna

3.2.1.1. Prinċipju ta' tħaddim: tqabbid bl-ispark plaggs/tqabbid bil-kompressjoni/żewġ tipi ta' fjuwil ([4])

Ċiklu: four stroke/two stroke/rotatorju ([4])

3.2.1.1.1. Tip ta' magna li tuża żewġ tipi ta' fjuwil: Tip 1 A/Tip 1B/Tip 2 A/Tip 2B/Tip 3B ([4]) ([42])

3.2.1.1.2. Proporzjon Enerġetiku tal-Gass fuq il-parti sħuna taċ-ċiklu tat-test WHTC: … %

3.2.1.2. Numru u arranġament taċ-ċilindri: …

3.2.1.3. Ċilindrata ([40]): …… cm^3

3.2.1.6. Veloċità tal-magna fuq idle normali ([41]): …… min^{-1}

3.2.1.6.2. Idle fuq id-diżil: iva/le ([4]) ([42])

3.2.1.8. Potenza netta massima ([43]): … kW bi … min^{-1} (il-valur iddikjarat mill-manifattur)

3.2.1.11. (Euro VI biss) Referenzi tal-manifattur tal-pakkett ta' dokumentazzjoni previst mill-Artikoli 5, 7, u 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 li jippermetti lill-awtorità tal-approvazzjoni biex tevalwa l-istrateġiji ta' kontroll tal-emissjonijiet u s-sistemi abbord il-magna biex jiġi żgurat it-tħaddim kif suppost tal-miżuri ta' kontroll tan-NO_x

3.2.2.1. Diżil/Petrol/LPG/NG jew Bijometan/Etanol (E 85)/Bijodiżil/Idroġenu

([4]) ([45])

3.2.2.2. Vetturi heavy-duty Diżil/Petrol/LPG/NG-H/NG-L/NG-HL/Etanol (ED95)/Etanol (E85)/LNG/LNG_{20} ([4]) ([45])

3.2.2.2.1. (Euro VI biss) Fjuwils kompatibbli għall-użu mill-magna ddikjarati mill-manifattur skont il-punt 1.1.2. tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 (kif applikabbli)

3.2.2.4.	Tip ta' fjuwil tal-vettura: Monofjuwil, Bifjuwil, Fjuwil flessibbli, Żewġ tipi ta' fjuwil tat-Tip 1 A/Tip 1B/Tip 2 A/Tip 2B/Tip 3B ([4])
3.2.2.5.	L-ammont massimu tal-bijofjuwil aċċettabbli fil-fjuwil (il-valur iddikjarat mill-manifattur): …… % skont il-volum
3.2.3.	Tank(ijiet) tal-fjuwil
3.2.3.1.	Tank(ijiet) tal-fjuwil tas-servizz
